MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2014

Numru. 45/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs.**

**Daniel Gatt**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Daniel Gatt ta’ 18-il sena, bin Mark u Pauline nee’ Mangion, mwieled Pieta’ nhar id-19 ta’ Lulju 1989, residenti 172, ‘Id-Dwejra’ Triq il-Konventwali, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta’ l-identita’ 330789M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl bejn it-28 u d-29 ta' Gunju 2008, kif ukoll fix-xahrejn ta' qabel, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Kwistjoni sollevata mid-Difiza dwar l-Istqarrija tal-Imputat u l-Istqarrija ta' Letizia Sultana**

Il-Qorti se tikkunsidra fl-ewwel lok il-kwistjoni sollevata mid-difiza fir-rikors tal-imputat tal-20 ta' Settembru 2011 u waqt it-trattazzjoni orali fis-seduta tas-16 ta' April 2012 dwar l-istqarrija tal-imputat, u cioe li stante li l-istqarrija tal-imputat odjern ittiehdu fl-2008, meta ma kienx hemm il-possibilita li jiehdu parir legali qabel l-interrogazzjoni, l-istqarrija tieghu ghandha tigi skartata.[1]

Din il-Qorti diga tat digriet fil-21 ta' Novembru 2011, fejn cahdet it-talba tad-difiza ghal riferenza kostituzzjonali fuq dan il-punt. Pero minn dak in-nhar 'l hawn, is-sitwazzjoni hi definita bid-diversi gudikati in materja.

Fis-sentenza ta' **Charles Steven Muscat vs. Avukat Generali** deciza fit-8 ta' Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet li l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet illi *"Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss*

[1] Ara rikors tal-imputat a fol. 32 tal-process.

*jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u hekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur."*

Fil-kaz ta' **Muscat** fuq citat, il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li ma kienx gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq, ghaliex *inter alia*:

1. meta sar l-interrogatorju, ir-rikorrent kien ragel matur li gia kien qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Ghalhekk kellu esperjenza ta' interrogatorju mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma ta' vulnerabilita' hekk li facilment ikun intimidat bl-ambjent fejn issir l-interrogatorju.
2. ir-rikorrent kien gie mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa' sieket u ma jwegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn.
3. sakemm infethet il-kawza ir-rikorrent qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija li kien ghamel jew li jichad dak li fiha.

Ma jistax ikun hemm dubbju li l-access ghal avukat qabel l-interrogatorju bhala parti mid-dritt ta' smiegh xieraq gie introdott kemm mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ara il-kaz ta' **Salduz**[2]) u mill-Qorti Kostituzzjonali (ara **Il-Pulizija v. Alvin Privitera**[3]), biex jirrimedja ghal sitwazzjonijiet ta' zbilanc u nuqqas ta' ugwaljanza bejn l-interrogatur u min qed jigi interrogat. Jista' facilment ikun hemm sitwazzjonijiet ta' intimidazzjoni, paniku u konfuzjoni f'mohh il-persuna arrestata tant li f'dawk ic-cirkostanzi l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata. Ghalhekk huwa gust li ammissjoni jew stqarrija maghmula minn persuna vulnerabbli f'cirkostanzi intimidanti ghandha tigi skartata. Minn naha l-ohra jekk il-persuna arrestata ma hix persuna vulnerabbli u c-cirkostanzi ma jistghux jitqiesu intimidanti, ma hemmx raguni valida ghaliex l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata.[4]

In oltre, fis-sentenza **John Attard vs. Onorevoli Prim Ministru et** deciza fil-31 ta' Mejju 2013, il-Qorti Kostituzzjoni regghet irriteniet illi: *"Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija*

[2] Deciz fis-27 ta' Novembru 2008.
[3] Deciz fil-11 ta' April 2011.
[4] Ara ittra ta' Dottor Giovanni Bonello Imhallef *Emeritus* fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ippubblikata fit-*Times of Malta* fit-28 ta' Novembru 2012.

*tittieħed abużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha influwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx."*

Dan l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali gie wkoll abbraccat mill-Qorti tal-Appell Kriminali. (ara per ezempju **Il-Pulizija vs. Greta Elena Loredana Mercieca** deciza fl-10 t'April 2013[5], **Il-Pulizija vs. Debbie Antoinette Vella** deciza fl-10 t'April 2013[6], **Il-Pulizija vs. Jesmond Camilleri** deciza fit-18 t'April 2013[7] u **Il-Pulizija vs. Paul Cutajar** deciza fit-18 ta' Gunju 2013[8]).

Fil-kaz odjern, meta ittiehdet l-istqarrija, l-imputat Rodney Casha kellu tmintax (18)-il sena – precizament dsatax (19)-il sena neqsin tlett (3) gimghat . Ghalkemm ma rrizultax li huwa kellu esperjenza qabel ta' interrogatorju mill-pulizija, l-imputat ma kienx minorenni u lanqas allega li kien ibati minn xi forma ohra ta' vulnerabilita', hekk li jkun jista jinghad li facilment seta' jkun intimidat bl-ambjent fejn sar l-interrogatorju. Inoltre, lanqas gie allegat li c-cirkostanzi li fihom ittiehdet l-istqarrija kienu intimidanti, u ghalhekk ma hemmx biza' li l-imputat seta' stqarr htijiet u fatti li ma ghandhomx mis-sewwa.

Inoltre qabel l-interrogatorju, l-imputat gie mgharraf bid-dritt tieghu li jibqa' sieket u ma jwiegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn.

Huwa rilevanti wkoll li ghalkemm l-istqarrija ittiehdet f'Gunju 2008, kien biss fir-rikors tieghu seduta tat-30 ta' Settembru 2011, li l-imputat issolleva l-kwistjoni li l-istqarrija tieghu ttiehdet minghajr ma kellhu assistenza legali. Matul dawn it-tlett snin, l-imputat qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija tieghu jew li jichad il-kontenut taghha. Dan huwa sinjal li l-imputat stess ma kienx qed ihossu illi tqieghed taht zvantagg ingust bl-istqarrija tieghu li, wara kollox, ghamilha liberament.

---

[5] *Per* Imhallef David Scicluna.
[6] *Per* Imhallef David Scicluna.
[7] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[8] *Per* Imhallef Michael Mallia.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, fil-fehma kkunsidrata ta’ din il-Qorti ma hemmx raguni valida ghaliex ghandha tiskarta l-istqarrija tal-imputat.

Fit-trattazzjoni orali finali, l-abbli difensur tal-imputat issottomettiet ukoll il-kwistjoni li l-istqarrija tax-xhud Letizia Sultana ghandha wkoll tigi skartata minn din il-Qorti, stante, li din l-istqarrija ittiehed ukoll fl-2008, meta ma kienx hemm il-possibilita li tiehdu parir legali qabel l-interrogazzjoni, u ghalhekk kienet tikser id-drittijiet fundamentali ta’ din ix-xhud. Letizia Sultana xehdet f’dawn il-proceduri, u ghalkemm l-istqarrija taghha ma gietx ezebita in atti, din giet moqrija lilha mill-Qorti waqt ix-xhieda taghha.

Sitwazzjoni simili ghal dik odjerna inqalghet fil-kaz **Il-Pulizija v. Patrick Spiteri** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta’ Jannar 2013, fejn f’dak il-kaz ukoll l-akkuzat issottometta li l-istqarrijiet ta’ zewg xhieda, certi Galea u Cachia, kellhom jigu skartati ghax ittiehdu bi ksur tad-drittijiet fondatamentali taghhom, ghax saru minghajr ma inghataw dritt ghal access ghal avukat qabel l-interrogatorju. Il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet hekk:

*“37. Dawn l-aggravji fil-fehma ta’din il-qorti, huwa rizultat ta’ malintiz piuttost mifrux illi min hu akkuzat b’reat ghandu xi dritt fondamentali illi ma tithalla titressaq ebda xhieda li tista’ b’xi mod tkun ta’ hsara ghalih, bhallikieku ghandu d-dritt ukoll illi f’kull kaz jinstab mhux hati u illi l-equality of arms tfisser illi l-prosekuzzjoni tigi mcahhda mill-mezzi biex tipprova l-kaz taghha.*

*38. Ga rajna, ... ... illi l-fatt wahdu illi ssir stqarrija meta min jaghmilha ma jkollux l-ghajnuna ta’ avukat ma huwiex ipso facto bi ksur tal-jedd ta’ smiegh xieraq.*

*39. Aktar min hekk, ma tressqet ebda prova illi Galea u Cachia lmentaw li dawk l-istqarrijiet ittiehdu bi ksur ta’ xi jedd taghhom, u ghalhekk, aktar u aktar, ma jistax jinghad illi dik l-istqarrija hija illecita meta min jaghmilha ma jilmentax bi ksur ta’ xi jedd tieghu.*

*40. Mela l-premessa ta' Spiteri illi l-istqarrijiet ta' Galea u ta' Cachia huma awtomatikament illeciti ghax ma sarux bl-ghajnuna ta' avukat hija hazina, u kull argument mibni fuq dik il-premessa huwa necessarjament hazin ukoll."*

Dan ir-ragunament tal-Qorti Kostituzzjonali japplika bl-istess mod fil-kaz odjern. Ma gie bl-ebda mod allegat, wisq inqas pruvat, li x-xhud Letizia Sultana ilmentat li l-istqarrija taghha ittiehdet bi ksur tad-drittijiet taghha, ghax ma inghatatx id-dritt tal-avukat. U konsegwentement bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jinghad li l-istqarrija taghha hija wahda illecita.

Il-Qorti tirrileva wkoll *ex abbundantia* illi l-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jippreskrivi illi:

*"(1) … … (K)ull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura* *<u>dwarha</u>**, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

U l-Artikolu 4(1) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319) jippreskrivi illi:

*"(1) Kull persuna li tallega li xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun ġie, ikun qed jiġi jew ikun x'aktarx ser jiġi miksur* *<u>dwarha</u>**, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f 'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju."* (sottolinear ta' din il-Qorti.)

Minn dawn iz-zewg artikoli huwa car li kemm taht il-Kostituzzjoni kif ukoll taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, persuna tista' biss tilmenta minn ksur ta' xi wiehed mid-drittijiet fundamentali fil-konfront taghha nnifisha u mhux fil-konfront ta' terza persuna.

Fil-fatt l-awturi **Van Dijk u Van Hoof** jghidu hekk: *"The requirement of "victim" implies that the violation of the Convention must have* *<u>affected</u>* *the applicant is some way. According to the Court's well-established case-law, "the word 'victim' in Article 34 refers to the person directly affected by the act or omission in issue. In the Gayduk Case the Court held that the issue of whether an applicant*

*may claim to be a 'victim' within the meaning of Article 34 of the Convention does not* turn on the *substance or content of the right in issue, but solely on the question of whether it is linked to the person who relies on it. The requirement that the applicant be personally affected by the alleged violation was stressed by the Commission right from the beginning."*[9] (enfasi tal-awturi).

Issa f'din it-tieni allegazzjoni tieghu, l-imputat mhux qed jallega li l-istqarrija ittiehdet bi ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq – ghax dan kien l-ilment fl-ewwel allegazzjoni tieghu. F'din it-tieni allegazzjoni tieghu, l-imputat qieghed jilmenta li l-istqarrija tax-xhud Letizia Sultana ittiehdet mill-pulizija bi ksur tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq tal-istess Letizia Sultana, ghaliex fiz-zmien li ittiehdet din l-istqarrija, il-ligi Maltija ma kienitx tippermetti li l-interrogat ikollu access ghal parir ta' avukat qabel l-interrogatorju.

Huwa car mid-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, li l-imputat ma ghandu l-ebda interess personali u guridiku li jaghmel tali allegazzjoni. Huma biss it-terzi persuna li ghamlet l-istqarrija in kwistjoni li ghandha interess personali u guridiku li taghmel tali allegazzjoni.

Fid-dawl tas-suespost, ma hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn din il-Qorti ghandha tiskarta l-istqarrija ta' Letizia Sultana.

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fil-lejl ta' bejn it-28 u 29 ta' Gunju 2008, waqt li l-Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Drogi kienu qed jassistu ghal party li kien qed isir fil-Gianpula, il-Pulizija sabet lil certa Letizia Sultana ma' Louisa Sultana se jabbuzaw mid-droga kokajina fil-carpark.[10]

[9] **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** (4$^{th}$ edition 2006) pagna 58.
[10] Ara xhieda ta' PC 47 Chris Frendo a fol. 13 tal-process.

2. Letizia Sultana qalet lill-Pulizija li d-droga kien tahielha l-*boyfriend* taghha l-imputat. Letizia Sultana ikkuntatjat lill-imputat, ghax hu kellu jkun fil-party ukoll, u l-imputat gie fuq il-post u gie arrestat.
3. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat qal li dik kienet probabbilment it-tieni darba li Letizia abbuzat mid-droga, *"u xtrat minhabba li habibitha kellha l-birthday u forsi riedu jaqsmu flimkien minhabba li ma nafx li Letizia tasal biex tiehu wahidha."* Pero l-imputat qal li fl-ahhar sitt xhur forsi kien abbuza xi hames darbiet.[11]
4. Meta l-imputat gie mistoqsi minn fejn Letizia kienet gabet il-kokajina, l-imputat wiegeb hekk *"Talbet lili sabiex ingibielha jien peress li kienet taf li kelli gramma ghandi. Din il-gramma konna xtrajniha minn Numero Uno sabiex nohduha flimkien, pero dak in-nhar ma hadnihiex. Lilha tajtielha l-Gimgha. Normalment, qatt ma nzomm xejn fuqi u li nixtri, niehdu jew niehduha dak il-hin stess. Pero in-Numero Uno ma hadnihiex u baqghet ghandi."* Huwa xtara gramma.
5. L-imputat ammetta li d-droga kien xtraha hu, pero l-intenzjoni kienet li johduha hu u Letizia meta jkunu flimkien.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

F'dawn il-proceduri, apparti x-xhieda tal-Pulizija xehdet biss Letizia Sultana. Fix-xhieda taghha Letizia qalet li d-droga kienu xtrawha hi, l-imputat u l-habiba taghha t-tlieta flimkien min-Numero Uno biex johduha waqt il-party, u hallsu ghaliha t-tlieta li huma.[12] Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, din il-versjoni tal-fatti ta' Letizia Sultana m'ghandhiex mis-sewwa, billi huwa notorju li meta grupp hbieb jiddeciedu li jixtru u jikkunsmaw id-droga flimkien, huwa wiehed li jmur fuq it-traffikant tad-droga biex jixtri, u mhux f'dan il-kaz tlett persuni f'daqqa, anki biex ma jaghtux fil-ghajn.

Anki jekk ghall-grazzja tal-argument din il-Qorti kellha temmen li meta l-imputat xtara d-droga min-Numero Uno, l-imputat kellu l-intenzjoni li jikkonsma dik id-droga flimkien ma' Letizia, certament li

[11] Ara stqarrija tal-imputat a fol. 11 tal-process.
[12] Ara xhieda ta' Letizia Sultana a fol. 20 *et seq.* tal-process.

din l-intenzjoni tbiddlet peress li d-droga ghal xi raguni ma gietx kkunsmata waqt dak il-party. Fl-istqarrija taghha, Letizia tghid li *"dejjem xtrajt ghalija u ghal Luisa biex niehdu naqra normalment qabel xi party tajjeb."*[13] Ghalhekk jirrizulta li Letizia kienet tixtri droga biex tikkunsmaha mal-habiba taghha.

Kieku l-intenzjoni tal-imputat baqghet li jikkonsma d-droga li kien xtara min-Numero Uno flimkien ma' Letizia, ma kien ikun hemm l-ebda raguni ghalfejn huwa ghaddielha d-droga l-Gimgha – xi granet qabel il-party - meta huma kienu miftiehmin li jiltaqghu fl-istess party. Huwa car li l-imputat ghadda d-droga lil Letizia biex din tikkunsmaha mal-habiba taghha, peress li kif qal hu stess fl-istqarrija, il-habiba ta' Letizia kellha l-birthday. Fil-fatt, Letizia ikkonfermat fix-xhieda taghha li hi ippruvat tikkonsma d-droga mal-habiba taghha, meta ma kienitx ghada iltaqghet ma' Daniel.[14] Fil-fatt hi u l-habiba taghha inqabdu *in flagrante* jippruvaw jikkunsmaw id-droga fil-carpark – qabel jidhlu ghal party. Dan hu ikkorroborat mill-fatt li mill-istqarrija tal-imputat jirrizulta, li Letizia u l-habiba taghha pruvaw jikkunsmaw id-droga, qabel Letizia ghamlet xi forma ta' kuntatt mal-imputat biex jiltaqa' maghhom halli jikkunsmawha flimkien. Fid-dawl tas-suespost huwa car li Letizia ma kellha l-ebda intenzjoni li tikkonsma d-droga flimkien mal-imputat.

Inoltre jigi rilevat, li l-ammont ta' droga kokajina involut hu ta' gramma. Issa huwa notorjament risaput f'dan il-qasam li *the typical single dose* tal-kokaina hija ta' 0.5 grammi. Ghalhekk fil-verita kien hemm biss zewg *typical single doses* ta' kokaina – cioe bizzejjed kokajina biex tigi ikkunsmata minn tnejn min-nies, u mhux minn tlieta.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni li m'huwiex applikabbli l-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 - dak li aktar popolarment jissejjah *trafficking by sharing* – stante li l-imputat u Letizia ma ikkunsmawx id-droga li kien xtara fl-istess post u flimkien, kif jesigi tassativament dan il-*proviso*.

Il-fatt li l-imputat ghadda d-droga lil Letiza Sultana, irrispettivament jekk din hallsitux jew le, jaqa' fid-definizzjoni ta' "traffikar" fl-Artikolu 22(1B), li jippreskrivi illi *"(1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin*

[13] Ara xhieda ta' Letiza Sultana a fol. 24 tal-process.
[14] Ara xhieda ta' Letiza Sultana a fol. 25-26 tal-process.

*minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza:"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Mill-istqarrija tal-imputat jirrizulta li hu gieli abbuza mid-droga kokajina.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-imputat ghandu fedina penali netta u li ikkopera mal-pulizija. It-traffikar tad-droga kien wiehed zghir ta' gramma.

Madanakollu, dan ma jnaqqasx mis-serjeta tar-reat. Kif osservat tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta' Ottubru 2009 *"... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta."*

Il-ligi thares b'lenti severa ferm lejn it-traffikar tad-droga, zghir kemm hu zghir, tant li fejn jigi ippruvat traffikar, idejn il-Qorti ghar-rigward ta' piena hija marbuta, u m'ghandhiex xelta hlief li timponi piena ta' habs effettiv u multa kumulattivament. Dan ghaliex l-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 jaghmilha cara li *"Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew fis-subartikolu (2)(b)(i): ... ..."* Dan ifisser li f'kaz ta' sejbien ta' htija ta' traffikar, bhal fil-kaz odjern, il-Qorti ma tistax tati inqas mill-minimu tal-piena, ma tistax taghti sentenza sospiza u lanqas tista tapplika d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-Qorti se timponi il-piena ta' prigunerija li tassattivament tesigi l-ligi fil-minimu taghha.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih, u tikkundannah ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva u multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Dicembru 2014, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------